**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Numru 542/2023 MS*

**Mario Bartolo**

**Vs.**

**L-Avukat Ġenerali u l-Avukat ta' l-Istat**

Illum, 26 t'April, 2024

Kawża Numru: 2K

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors preżentat mir-rikorrenti fil-31 t'Ottubru, 2023, li permezz tiegħu, wara li ppremetta kif ġej:

> Illi l-esponent kien ġie akkużat talli naqas illi jħallas il-manteniment dovut skont kuntratt ta' separazzjoni ffirmat bejnu u l-mara tiegħu Rita Bartolo fis-7 ta' Mejju 2010 liema manteniment huwa fl-ammont ta' €466 kull erba' ġimgħat.

Illi l-esponent f'xi żmien waqa' lura fil-ħlas tal-manteniment u konsegwentement inħarġu fil-konfront tiegħu ħdax-il kwerela separata u dawn il-kwereli kienu taw lok għal proċeduri kriminali li lkoll ġew deċiżi u jinsabu pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appelli Kriminali.

Illi in effetti, ġew deċiżi permezz ta' sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Tmienja minnhom ġew deċiżi minn dik il-Qorti presjeduta mill-Mag. Astrid May Grima fit-12 ta' April 2022 fejn huwa ġie kkundannat għal xahar priġunerija għal kull waħda minn dawn u konsegwentement b'kollox ġie kkundannat għal tmien xhur priġunerija.

Illi it-tlitt proċeduri l-oħra ġew deċiżi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presduta mill-Maġistrat Dr. Lara Lanfranco fis-26 ta' Settembru 2023 u l-esponent ġie kkundannat għal tlitt xhur priġunerija għal kull waħda minnhom.

Illi l-esponent appella minn dawn is-sentenzi u l-appelli jinsabu differiti quddiem il-Qorti ta' l-Appelli Kriminali u differiti għat-2 ta' Novembru 2024 u s-6 ta' Novembru 2024 u għandhom l-appelli numri 188/22, 189/22, 190/22, 191/22, 192/22, 193/22 194/22 u 195/22 għal dawk illi ġew deċiżi mill-Maġistrat Dr. Astrid May Grima u l-appelli numri 400/22, 401/22 u 402/22 għal dawk deċiżi mill-Maġistrat Lara Lanfranco.

Illi għalhekk l-esponent qiegħed jirrinfaċċja sbatax-il xahar ħabs b'kollox.

Illi, kif ser jirriżulta waqt is-smiegħ u t-trattazzjoni ta' dawn il-proċeduri, l-esponent ma ħallasx dan il-manteniment mhux kapriċċożament però għaliex sab ruħu fl-impossibilita' li jħallas. Filwaqt illi fl-2010 meta ġie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni personali huwa kien jaħdem, illum il-ġurnata huwa pensjonant, stante illi għandu seba' u sittin sena, u huwa marid serajment. Konsegwentement huwa jinsab fl-impossibilita' illi jħallas €466 kull erba' ġimgħat.

Illi in effetti qed jiġu esebiti ma' dan ir-rikors żewġ ċertifikati mediċi u *case summery* maħruġ minn Mater Dei (Dok A, B u C). Ser jirriżulta illi l-esponent tilef numru ta' swaba f'saqajħ u assolutament ma jistax jaħdem.

Illi għalhekk l-esponent ġie ssentenzjat għal obligazzjoni illi huwa kien fl-impossibilita' li jwettaq. Hawn japplika l-prinċipju *ad impossibilia nemo tenetur.*

Illi apparti minn hekk l-esponent qiegħed ikompli jiġi rinfaċċjat bi kwereli perjodiċi da parti tal-mara tiegħu kull ftit xhur b'tali mod illi l-esponent għandu għexieren ta' kawżi pendenti u ser ikompli jiġi mressaq il-Qorti u mogħti perjodi oħra ta' detenzjoni bil-konsegwenza li hemm il-probabilita' illi l-esponent ser iqatta' l-biċċa l-kbira tal-kumplament ta' ħajtu il-ħabs.

Illi huwa inizzja proċeduri fil-Qorti tal-Familja u fil-fatt hemm medjazzjoni pendenti li ġġib in-numru 1189/23 però minħabba li tali proċeduri jieħdu ż-żmien tagħhom mhux ser ikunu ta' soluzzjoni għall-esponent.

**Trattament inuman u degradanti – piena sproporzjonata.**

Illi ssir referenza għas-sentenza ***Cases Of Harkins And Edwards V. The United Kingdom***[1] fejn ġie deċiż hekk:

"133. For the first issue, the Court observes that all five Law Lords in Wellington found that, in a sufficiently exceptional case, an extradition would be in violation of Article 3 if the applicant faced a grossly disproportionate sentence in the receiving State. The Government, in their submissions to the Court, accepted that proposition.

Support for this proposition can also be found in the comparative materials before the Court. Those materials demonstrate that "gross disproportionality" is a widely accepted and applied test for determining when a sentence will amount to inhuman or degrading punishment, or equivalent constitutional norms (see the Eighth Amendment case-law summarised at paragraphs 59–61 above, the judgments of the Supreme Court of Canada at paragraph 73 above, and the further comparative materials set out at paragraphs 76– 81 above).

Consequently, the Court is prepared to accept that while, in principle, matters of appropriate sentencing largely fall outside the scope of Convention (Léger, cited above, § 72), a grossly disproportionate sentence could amount to ill-treatment contrary to Article 3 at the moment of its imposition."

[1] Deiċża mill-Qorti Ewropea fis-17 January 2012 (Applikazzjonijiet nru. 9146/07 and 32650/07).

Il-**Guide on Article 3 of the European Convention on Human Rights**[2] jgħid is-segwenti:

"72. The Court accepts that while, in principle, matters of appropriate sentencing largely fall outside the scope of Convention, a grossly disproportionate sentence could amount to ill-treatment contrary to Article 3 at the moment of its imposition. However, the Court has emphasized that "gross disproportionality" is a strict test and it will only be on rare and unique occasions that the test will be met (Babar Ahmad and Others v. the United Kingdom, 2012, § 237; Harkins and Edwards v. the United Kingdom, 2012, § 133)."

Illi ssir ukoll referenza għas-segwenti ġurisprudenza:

Illi fis-sentenza tal-Qorti Ewropea għad-drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet ***Case Of Myumyun V. Bulgaria***[3] intqal hekk:

"However, under Article 19 of the Convention and the principle that the Convention is intended to guarantee rights that are not theoretical or illusory but practical and effective, the Court has to ensure that a State's obligation to protect the right of those under its jurisdiction not to be subjected to treatment contrary to Article 3 is adequately discharged, and that national authorities do not allow such treatment to go unpunished. This is essential for maintaining the public's confidence in, and support for, the rule of law and for preventing any appearance of tolerance of or collusion in unlawful acts. It follows that, while granting substantial deference to the national authorities and courts in the choice of appropriate sanctions for ill-treatment, the Court must exercise a certain power of review and intervene in cases of manifest disproportion between the gravity of the act and the punishment imposed (see Gäfgen, cited above, § 123; Kopylov v. Russia, no. 3933/04, § 140, 29 July 2010; and Cestaro, cited above, §§ 205-07)."

Illi in oltre fis-sentenza ***Case Of Soering V. The United Kingdom***[4] intqal hekk:

"104. That does not mean however that circumstances relating to a death sentence can never give rise to an issue under Article 3 (art. 3). The manner in which it is imposed or executed, the personal circumstances of the condemned

---

[2] L-ewwel edizzjoni datata 31 ta' Awissu 2022.

[3] Deċiża fit-3 ta' Novemnbru 2015 (Application no. 67258/13).

[4] Deċiża fis-7 July 1989 (Application no. 14038/88).

person and a disproportionality to the gravity of the crime committed, as well as the conditions of detention awaiting execution, are examples of factors capable of bringing the treatment or punishment received by the condemned person within the proscription under Article 3 (art. 3). Present-day attitudes in the Contracting States to capital punishment are relevant for the assessment whether the acceptable threshold of suffering or degradation has been exceeded."

Illi hekk ukoll ***Case Of Babar Ahmad And Others V. The United Kingdom***[5] intqal hekk:

235. The Court takes note of the parties' submissions as to whether the applicants' likely sentences are irreducible within the meaning of that term used in Kafkaris. However, given the views expressed by the House of Lords in Wellington and the Court of Appeal in Bieber in respect of Kafkaris (summarised at paragraphs 64–72 and 144 above), the Court considers it necessary to consider first whether, in the context of removal to another State, a grossly disproportionate sentence would violate Article 3 and second, at what point in the course of a life or other very long sentence an Article 3 issue might arise.

Illi tenut kont iċ-ċirkostanzi u ċioe illi qed jiġi vjolat il-prinċipju ta' *ad impossibilia nemo tenetur* u l-esponent qiegħed jirrinfaċċja sbatax-il xahar ħabs fuq xi ħaġa li ma kellux kontroll fuqha jikkostitwixxi piena sproporzjonata.

**Konnessjoni ta' kawżi**

Illi apparti minn hekk il-proċeduri fuq elenkati jikkonċernaw reati kontinwati. Madanakollu l-esponent ġie akkużat fi proċeduri separati. In effetti l-esponent għandu s'issa ħdax-il sentenza u għandu aktar proċeduri pendenti. Dan qed jippreġudika lill-esponent għaliex ma setax jiġi applikat l-artikolu 17 tal-Kap. 9 ossia dik li titratta dwar konkors ta' reati u ta' pieni. Issir referenza partikolari għall-artikolu 17(b) tal-Kap. 9 li jgħid hekk:

"(b) persuna ħatja ta' żewġ delitti jew iżjed, li jaqgħu taħt pieni li jnaqqsu għal żmien il-libertà persunali, tiġi ikkundannata għall-piena tad-delitt l-aktar gravi biż-żieda minn terz san-nofs taż-żmien tal-pieni l-oħra kollha meħudin flimkien."

[5] Deċiża fl-10 ta' April 2012 (Applications nos. 24027/07, 11949/08, 36742/08, 66911/09 and 67354/09)

Illi hija biss il-prosekuzzjoni illi tista' tiddetermina liema reati jiġu abbinati f'akkuża waħda u l-prosekuzzjoni għandha mano libera f'dan is-sens u l-unika restrizzjoni hija dik tar-res judicata f'każ ta' reati li jemerġu mill-istess fatti.

Illi l-esponent ma huwa mogħti l-ebda dritt illi jagħżel li jikkombina diversi reati, anke jekk konnessi, fi proċeduri kriminali uniċi.

Illi in effetti dan tant hu minnu illi fl-artikoli li jittrattaw l-Att ta' l-Akkuża wieħed isib l-artikolu 591 tal-Kap. 9 jgħid hekk:

"Akkużi kontra żewġ persuni jew aktar bħala awturi jew kompliċi fl-istess reat, jew bħala ħatjin ta' reati diversi li jkollhom konnessjoni bejniethom, jistgħu jinġiebu f'att ta' akkuża wieħed u iġġudikati kollha fl-istess kawża, għalkemm xi wieħed minn dawn ir-reati jkun ta' kompetenza inferjuri."

Illi anke hawn huwa biss l-Avukat Ġenerali li huwa mogħti d-dritt illi jabbina numru ta' akkużi konnessi bejniethom f'Att ta' Akkuża ważda.

Illi dan ċertament joħloq sitwazzjoni ta' diskriminazzjoni. B'analoġija ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs Rafal Zelbert**[6] fejn il-Qorti diġà kellha okkażjoni ssib ksur f'każ fejn l-Avukat Ġenerali kellu diskrezzjoni dwar l-eżitu ta' proċeduri kriminali. Qed jiġi ċitat is-segwenti bran:

"Kwindi, din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi, twiegeb il-kwezit tal-Qorti Kriminali fis-sens li ssib li l-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 u l-Artikolu 120A(2) tal-Kap. 31 (li jaghtu diskrezzjoni lill-Avukat Generali jiddeciedi jekk akkuzat ghandux jidher quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' gudikatura kriminali) jivvjolaw f'dan il-kaz l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem"

Illi finalment issir referenza għas-sentenza fi proċeduri ta' referenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Sarah Magri) Vs Joseph Muscat**[7] fejn il-Qorti tenniet hekk:

"Ser ikun hemm ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja bil-fatt illi, abbażi tal-Artikolu 595 tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9),

[6] Deċiża mill-Prim Awla (Sede Kostituzzjonali) fis-16 ta' Mejju, 2014 (Rikors Numru. 103/2013).
[7] Deċiża mill-Prim Awla fit-12 ta' Diċembru 2022 (Rikors Numru 179/2022 FDP).

hija prerogattiva esklussiva tal-Prosekuzzjoni li titlob illi d-disgħa kawżi miġjuba kontra Joseph Muscat jiġu mgħaqqdin flimkien, u dan ad esklużjoni jew tal-Qorti 'ex ufficio', jew fuq talba tal-appellant, liema ksur iwassal għall-vjolazzjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq minħabba f'disparita' fl-armi, fejn l-akkużat ser jispiċċa jbagħti preġudizzju u jiġi kkundannat għal piena aktar severa minn dik applikabbli li kieku l-akkużi ġew magħqudin.

Bħala rimedju għal tali ksur, din il-Qorti, bis-setgħat mogħtija lilha mill-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, tistieden lill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex, 'ex ufficcio', tordna li l-akkużi kollha miġjuba kontra l-akkużat Joseph Muscat, elenkati aktar 'il fuq, jiġu magħqudin flimkien biex jiġu ġġudikati lkoll flimkien bħala reat kontinwat, a tenur tal-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9)."

Illi l-esponent huwa konsapevoli mill-fatt illi din is-sentenza ġiet revokata mill-Qorti Kostituzzjonali però l-esponent iħoss illi għall-każ tiegħu tali sottomissjoni hija fondata legalment.

**Diskriminazzjoni**

Illi konsegwentement qed issir diskriminazzjoni wkoll bejn persuni li jinsabu fiċ-ċirkostanzi ta' l-esponent u persuni oħra li għalkemm fl-istess sitwazzjoni ikun jistgħu jibbenefikaw mill-artikolu 18 tal-Kap. 9.

talab lil din il-qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara illi minħabba l-fatt illi l-esponent ġie kkundannat piena ta' priġunerija ta' sbatax-il xahar fil-proċeduri fuq imsemmija minħabba li ma ottemperax ruħu mal-ordni ta' ħlas ta' manteniment meta kien fl-impossibilita' li jagħmel dan, stante sproporzjonalita' fil-piena, huwa leżiv tad-dritt ta' l-esponent għal protezzjoni minn trattament inuman u degradanti kif sanċiti artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u u l-artikolu 3 korrispettiv tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.

2. Tiddikjara illi minħabba illi l-esponent, dwar l-akkużi tressaq dwarhom fil-proċeduri hawn fuq elenkati, ma setax jitlob illi jitressaq fuq dawn l-akkużi fi proċeduri kriminali uniċi u b'hekk ma setax jibbenefika mill-provedimenti ta' l-artikolu 17 u 18 tal-Kap. 9 jilledi d-dritt fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-

Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u kif ukoll l-artikolu 7, u artikoli 14 u l-artikolu 1 tal-Protokoll numru 12 tal-Konvenzjoni Ewropea.

3. Tagħti dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa għat-twettiq ta' dawn id-drittijiet fundamentali fuq imsemmija, fosthom li tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali deċiżi:

i. minn dik il-Qorti presjeduta mill-Mag. Astrid May Grima fit-12 ta' April 2022 fejn huwa ġie kkundannat għal xahar priġunerija għal kull waħda minn dawn u konsegwentement b'kollox ġie kkundannat għal tmien xhur priġunerija.

ii. minn dik il-Qorti presjeduta mill-Mag. Lara Lanfranco fit-26 ta' Settembru 2022 fejn huwa ġie kkundannat għal tlitt priġunerija għal kull waħda minn dawn u konsegwentement b'kollox ġie kkundannat għal disa' xhur priġunerija.

iii. Tordna li l-kawżi pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appelli Kriminali hawn fuq imsemmija jiġu jiġu trattati flimkien u tingħata sentenza waħda b'tali mod illi l-esponent ikun jista' jibbenefika mill-artikoli 17 u 18 tal-Kap. 9.

Bl-ispejjeż.

2. Rat ir-risposta preżentata mill-intimati fl-1 ta' Diċembru, 2023[8], li biha ġie eċċepit kif ġej:

1. Illi preliminarjament, l-esponent Avukat Ġenerali teċċepixxi illi hija m'hijiex il-leġittima kontraditriċi għall-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent u għalhekk għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. Illi preliminarjament u bla ħsara għas-suespost, jekk jirriżulta li r-rikorrent ma għamilx użu mir-rimedji ordinarji mogħtija lilu quddiem il-Qrati ċivili jew dawk ta' ġurisdizzjoni kriminali, din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli tistħarreġ ulterjorament l-ilmenti tar-rikorrent a tenur tal-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-*proviso* tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

[8] A folio 14.

3. Illi fil-mertu bla ħsara għas-suespost, l-allegazzjonijiet, il-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda;

4. Illi bla ħsara għas-suespost, in kwantu qiegħda tiġi allegata leżjoni tad-dritt tar-rikorrent għal protezzjoni minn trattament inuman u degradanti kif sanċiti fl-Artkolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 3 korrispettiv tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, l-esponenti jwieġbu li din hija manifestament infondata. Il-piena inflitta la hija inumana u lanqas degradanti, tant li hija fil-parametri tal-liġi u lanqas hija sproporzjonata kif donnu qiegħed jallega r-rikorrenti. L-esponenti jfakkru li l-ammont rappreżentanti manteniment ġie miftiehem mir-rikorrent stess, u jekk f'xi żmien ħass li ma kienx għadu f'pożizzjoni li jottempera ruħu ma' dak miftiehem minnu, kellu jieħu azzjoni billi jitlob il-ftuħ tal-medjazzjoni u jitlob lil Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex tvarja u tirriduċi l-ammont rappreżentanti manteniment u mhux iħalli snin jgħaddu mingħajr ma jieħu azzjoni;

5. Illi bla ħsara għas-suespost, in kwantu qiegħda tigi allegata leżjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali peress li r-rikorrent qiegħed jallega li ma setghax jibbenifika mill-provvedimenti tal-Arikolu 17 u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponent iwieġeb li ma hemmx leżjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti protetti fl-imsemmija artikoli. Id-dritt ta' smiegħ xieraq joffri garanziji proċedurali u mhux dritt sustantiv kif qiegħed jittenta jargumenta r-rikorrenti jew xi garanzija dwar imposizzjoni ta' piena jew kif jiġu preżentati akkużi fil-konfront tiegħu. Dan id-dritt jolqot u jirreġola l-andament tal-proċeduri u mhux il-piena. L-esponenti jfakkru li sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq, jeħtieġ li l-proċeduri kollha fl-intier tagħhom jiġu kkunsidrati, liema proċeduri fil-każ odjern jirriżulta li għadhom pendenti u għalhekk tali eżerċizzju ma jistax isir f'dan l-istadju. F'kull każ, l-esponenti jwieġbu li d-diskrezzjoni tal-prosekuzzjoni li tressaq lir-rikorrent fi proċeduri separati ma jinċidi xejn fuq kif imxew dawk il-proċeduri. Kif ingħad mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Anthony Bugeja v. L-Avukat Ġenerali u r-Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali Kriminali'</u>**[9] dwar is-separazzjoni ta' proċessi ta' żewġ imputati u għalhekk dwar lanjanza mhux identika għal dik in eżami:

[9] Deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Frar, 2014 (Appell Ċivili Numru: 19/2009/1)

*'18. Il-fatt illi prosekuzzjoni u difiża għandhom rwol differenti u, kompatibilment ma' hekk, għandhom ukoll drittijiet u fakoltajiet li ma humiex identiċi, ma jmurx kontra l-prinċipju tal-equality of arms.'*

Ġialadarba r-rikorrenti kellu u ser ikompli jkollu s-salvagwardji proċedurali kollha, ma jistax jirriżulta illi hemm leżjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali;

6. Illi bla ħsara għas-suespost, l-Artikolu 591 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta japplika biss meta tkun inħarġet Att ta' Akkuża, mhux bħal każijiet in kwistjoni. Kif meqjus mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Sarah Magri) vs Joseph Muscat'**[10]:

   *'(...) l-Artikolu 595 tal-Kodiċi Kriminali japplika biss għall-proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali fejn ikun inħareġ att ta' akkuża mill-Avukat Ġenerali. Il-kawżi li kellu Muscat kienu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u ma nħareġ l-ebda att ta' akkuża kontrih.'*

   F'kull każ, kif ġustament qieset l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-istess sentenza:

   *'Hu veru li hi fid-diskrezzjoni tal-pulizija jekk toħroġx taħrika waħda jew iktar. Dan m'huwiex jagħti xi vantaġġ lill-prosekuzzjoni fil-kors tas-smigħ tal-kawża kriminali. Wieħed irid japprezza li l-każijiet ta' Muscat jitrattaw dwar nuqqas ta' ħlas ta' manteniment għat-tfal. Min ikollu l-kura u kustodja tat-tfal ikun qiegħed jistenna l-aħħar tax-xahar għall-ħlas biex jipprovdi għall-bżonnijiet ta' kuljum ta' wliedu. Dan apparti li hemm ukoll il-konsiderazzjoni li iktar ma jitħalla żmien jgħaddi jikber il-perikolu tal-preskrizzjoni. Tkun qiegħda tonqos bil-kbir il-pulizija li qabel toħroġ it-taħrika toqgħod tistenna li jakkumulaw arretrati ta' manteniment għal numru ta' xhur.'*

7. Illi bla ħsara għas-suespost, ċertament li ma huwiex il-kompitu ta' din l-Onorabbli Qorti li tiddeċiedi jekk l-infrazzjonijiet li tagħhom instab ħati kellhomx jiġu kkunsidrati bħala reat kontinwat. Hija l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali li quddiemha huma pendenti l-appelli in kwistjoni li għandha tqis tali allegazzjoni, u f'każ li tqis li kellhom jiġu kkunsidrati bħala reat kontinwat, li tikkunsidra mitigazzjoni fil-piena inflitta. Għaldaqstant, l-

[10] Deċiża nhar il-25 ta' Ottubru, 2023 (Rikors numru: 188/2022/1 FDP)

allegazzjonijiet magħmulha mir-rikorrent bl-ebda mod ma jammontaw għal ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu;

8. Illi bla ħsara għas-suespost, in kwantu qiegħda tiġi allegata diskriminazzjoni bejn persuni li jinsabu fiċ-ċirkostanzi tar-rikorrent u persuni oħra li għalkemm fl-istess sitwazzjoni ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponenti jwieġbu li ma hemmx diskriminazzjoni u lanqas vjolazzjoni tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali. Hija fid-diskrezzjoni tal-Prosekuzzjoni li tiddeċiedi kif għandhom jinħarġu l-akkużi, kull każ għandu l-fattispeċie tiegħu u għalhekk il-paraguni huma odjużi fiċ-ċirkostanzi. B'żieda ma' dan, mhux kull aġir huwa diksriminatorju u filfatt ir-rikorrenti ma rnexxielux jipprova li saret diskriminazzjoni fuq bażi ta' *'like with like'*;

9. Illi bla ħsara għas-suespost, in kwantu qiegħda tiġi allegata ksur tal-Artikolu 1 tal-Protokoll numru 12 tal-Konvenzjoni Ewropea, jiġi rilevat illi dan l-Artikolu ma ġiex implimentat fil-liġi Maltija (u ċioe' fil-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta), u għalhekk ma jistax jiġi invokat mir-rikorrent stante li m'huwiex esegwibbli bħala parti mill-Liġi ta' Malta. Għalhekk, kwalunkwe talba ibbażata fuq dan l-artikolu ma tistax tintlaqa';

10. In bla ħsara għas-suespost, in kwantu r-rikorrent qiegħed jallega leżjoni tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti jwieġbu li dan l-artikolu ma huwiex relevanti għal dak lamentat mir-rikorrent u f'kull każ ma hemmx leżjoni ta' dan l-artikolu;

11. Illi stante li ma hemmx leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, isegwi li t-talbiet kollha tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom;

12. Illi bla ħsara għas-suespost, in kwantu din l-Onorabbli Qorti qiegħda tintalab sabiex tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudiktura Kriminali, l-esponenti jwieġbu li ma hemm l-ebda raġuni valida li abbażi tagħha għandha tintlaqà din it-talba. Skond dak premess mir-rikorrenti, tali sentenzi ġew appellati u huma pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali u hija dik il-Qorti li għandha tiddeċiedi li tħassar, tirrevoka jew tikkanċella s-sentenzi in kwistjoni, fil-parametri tal-aggravji mressqa mir-rikorrenti. L-esponenti jfakkru wkoll li hija l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali li tista' tqis huwiex il-każ li jkun hemm

mitigazzjoni fil-piena inflitta mill-Ewwel Qorti, jekk tqajjem aggravju dwar il-piena;

13. Illi bla ħsara għas-suespost, in kwantu qiegħed jintalab sabiex din l-Onorabbli Qorti tordna li l-kawżi pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali jiġu trattati flimkien u tingħata sentenza waħda, b'tali mod li r-rikorrent ikun jista' jibbenefika mill-artikoli 17 u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponenti jwieġbu li din ma għandhiex tintlaqà. L-esponenti filwaqt li jagħmlu għall-insenjament tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza '**Il-Pulizija (Spettur Sarah Magri) vs Joseph Muscat'**[11], ifakkru li hija fid-diskrezzjoni tal-Prosekuzzjoni ta' kif għandhom jinħarġu l-akkużi u f'dan il-każ ma jirriżultax li tali diskrezzjoni ġiet użata b'mod żbaljat.

14. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

    Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

3. Semgħet ix-xhieda prodotti u rat id-dokumenti kollha li ġew eżebiti, flimkien mal-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

4. Rat ukoll l-atti tad-diversi proċeduri penali li ġew allegati mal-atti tal-kawża odjerna;

5. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati, billi r-rikorrent naqas li jippreżenta n-nota tiegħu fiż-żmien lilu mogħti;

6. Rat li l-kawża tinsab imħollija għall-udjenza tal-lum sabiex tingħata s-sentenza;

Ikkunsidrat:

7. Illi din hija kawża li permezz tagħha r-rikorrent jilmenta minn ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu, kif protetti mill-artikoli 36 u 39 tal-Kostituzzjoni u mill-artikoli 3, 6, 7 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll mill-artikolu 1 tat-Tnax-il Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

8. Illi l-fatti li jsawwru dan il-każ jistgħu jiġu brevement riepilogati kif ġej:

[11] Deċiża nhar il-25 ta' Ottubru, 2023 (Rikors numru: 188/2022/1 FDP)

i) ir-rikorrent issepara legalment minn martu Rita Bartolo permezz ta' kuntratt ippubblikat min-Nutar Sean Critien fis-7 ta' Mejju 2010[12]. F'dan il-kuntratt, ir-rikorrent intrabat li jħallas lil martu manteniment fis-somma ta' €466 kull erba' ġimgħat;

ii) jirriżulta li r-rikorrent ma żammx mal-ħlasijiet tal-manteniment li ntrabat li jagħmel;

iii) ir-rikorrent jgħid li saħħtu marret lura ferm[13] u għalhekk mhux possibbli għalih li jaħdem u jiġġenera dħul biżżejjed sabiex iħallas il-manteniment stipulat fil-kuntratt tas-7 ta' Mejju 2010. Huwa qed jgħix biss bil-pensjoni tal-irtirar, li jirriżulta li tammonta għal ftit aktar minn elf Ewro (€1,000) kull erba' ġimgħat[14];

iv) jidher li d-diffikultajiet tar-rikorrent li jlaħħaq mal-ħlasijiet tal-manteniment bdew madwar sitt snin qabel dawn il-proċeduri[15];

v) mill-atti ta' din il-kawża, jirriżulta li fil-konfront tar-rikorrenti saru s-segwenti proċeduri penali li dwarhom qed jilmenta r-rikorrenti, u liema proċeduri jirrigwardaw dawn l-imputazzjonijiet:

   (a) akkużi ta' nuqqas ta' ħlas ta' manteniment għax-xhur ta' Marzu u April tas-sena 2018, deċiżi b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-27 ta' Novembru, 2018[16], li rrespinġiet appell tar-rikorrenti minn deċiżjoni tal-qorti inferjuri li sabitu ħati u lliberatu bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tliet xhur, u ordnat il-ħlas tal-manteniment fi żmien tliet xhur;

   (b) akkużi ta' nuqqas ta' ħlas ta' manteniment bejn il-25 t'Awwissu 2018 u t-22 ta' Settembru 2018, deċiżi b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tad-9 ta' Frar, 2021[17], li laqgħet appell tar-rikorrenti minn deċiżjoni tal-qorti inferjuri li sabitu ħati u

---

[12] Kopja sħiħa tal-kuntratt tinsab eżebita a folio 97.

[13] Ara ċ-ċertifikati mediċi eżebiti a folio 9 u 10, kif ukoll id-dokument eżebit a folio 11 u a folio 62. Ara wkoll ix-xiehda mogħtija mir-rikorrent fl-udjenza tat-12 ta' Diċembru 2023, minn folio 32 'il quddiem.

[14] Ara d-dokumenti eżebiti minn folio 27 sa 31.

[15] Ara x-xiehda mogħtija mir-rikorrent fl-udjenza tat-12 ta' Diċembru 2023, a folio 36. Fil-fatt jidher li b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-27 ta' Novembru 2018 (a folio 502), ġiet konfermata deċiżjoni dwar sejbien ta' ħtija minħabba nuqqas ta' ħlas ta' manteniment għax-xhur ta' Marzu u April 2018.

[16] Kopja eżebita a folio 990.

[17] Kopja eżebita a folio 995.

kkundannatu xahar detenzjoni, billi filwaqt li kkonfermat il-ħtija, ordnat ħlas t'ammenda minflok il-piena ta' detenzjoni;

(c) akkużi ta' nuqqas ta' ħlas ta' manteniment bejn it-13 ta' Jannar 2019 u l-10 ta' Frar 2019, deċiżi b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tad-9 ta' Frar, 2021[18], li laqgħet appell tar-rikorrenti minn deċiżjoni tal-qorti inferjuri li sabitu ħati u kkundannatu xahar detenzjoni, billi filwaqt li kkonfermat il-ħtija, ordnat ħlas t'ammenda minflok il-piena ta' detenzjoni;

(d) akkużi ta' nuqqas ta' ħlas ta' manteniment bejn is-6 t'April 2019 u l-4 ta' Mejju 2019, deċiżi b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tad-9 ta' Frar, 2021[19], li laqgħet appell tar-rikorrenti minn deċiżjoni tal-qorti inferjuri li sabitu ħati u kkundannatu xahar detenzjoni, billi minflok irrevokat id-deċiżjoni kompletament u lliberat lir-rikorrent mill-imputazzjoni;

(e) akkużi ta' nuqqas ta' ħlas ta' manteniment bejn l-4 ta' Mejju 2019 u l-1 ta' Ġunju 2019, deċiżi b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tad-9 ta' Frar, 2021[20], li laqgħet appell tar-rikorrenti minn deċiżjoni tal-qorti inferjuri li sabitu ħati u kkundannatu xahar detenzjoni, billi filwaqt li kkonfermat il-ħtija, ordnat ħlas t'ammenda minflok il-piena ta' detenzjoni;

(f) akkużi ta' nuqqas ta' ħlas ta' manteniment bejn id-9 ta' Frar 2019 u d-9 ta' Marzu 2019, deċiżi b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tad-9 ta' Frar, 2021[21], li laqgħet appell tar-rikorrenti minn deċiżjoni tal-qorti inferjuri li sabitu ħati u kkundannatu xahar detenzjoni, billi filwaqt li kkonfermat il-ħtija, ordnat ħlas t'ammenda minflok il-piena ta' detenzjoni;

(g) akkużi ta' nuqqas ta' ħlas ta' manteniment bejn is-17 ta' Novembru 2018 u l-15 ta' Diċembru 2018, deċiżi b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tad-9 ta' Frar, 2021[22], li laqgħet appell tar-rikorrenti minn deċiżjoni tal-qorti inferjuri li sabitu ħati u

[18] Kopja eżebita a folio 1001.
[19] Kopja eżebita a folio 1008.
[20] Kopja eżebita a folio 1014.
[21] Kopja eżebita a folio 1021.
[22] Kopja eżebita a folio 1027.

kkundannatu xahar detenzjoni, billi filwaqt li kkonfermat il-ħtija, ordnat ħlas t'ammenda minflok il-piena ta' detenzjoni;

(h) akkużi ta' nuqqas ta' ħlas ta' manteniment bejn id-9 ta' Marzu 2019 u s-6 t'April 2019, deċiżi b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tad-9 ta' Frar, 2021[23], li laqgħet appell tar-rikorrenti minn deċiżjoni tal-qorti inferjuri li sabitu ħati u kkundannatu xahar detenzjoni, billi filwaqt li kkonfermat il-ħtija, ordnat ħlas t'ammenda minflok il-piena ta' detenzjoni;

(i) akkużi ta' nuqqas ta' ħlas ta' manteniment bejn it-22 ta' Settembru 2018 u l-20 t'Ottubru 2018, deċiżi b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tad-9 ta' Frar, 2021[24], li laqgħet appell tar-rikorrenti minn deċiżjoni tal-qorti inferjuri li sabitu ħati u kkundannatu xahar detenzjoni, billi filwaqt li kkonfermat il-ħtija, ordnat ħlas t'ammenda minflok il-piena ta' detenzjoni;

(j) akkużi ta' nuqqas ta' ħlas ta' manteniment bejn l-20 t'Ottubru 2019 u s-17 ta' Novembru 2018[25], deċiżi b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tad-9 ta' Frar, 2021[26], li laqgħet appell tar-rikorrenti minn deċiżjoni tal-qorti inferjuri li sabitu ħati u kkundannatu xahar detenzjoni, billi filwaqt li kkonfermat il-ħtija, ordnat ħlas t'ammenda minflok il-piena ta' detenzjoni;

(k) akkużi ta' nuqqas ta' ħlas ta' manteniment bejn il-15 ta' Diċembru 2018 u t-12 ta' Jannar 2019, deċiżi b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tad-9 ta' Frar, 2021[27], li laqgħet appell tar-rikorrenti minn deċiżjoni tal-qorti inferjuri li sabitu ħati u kkundannatu xahar detenzjoni, billi filwaqt li kkonfermat il-ħtija, ordnat ħlas t'ammenda minflok il-piena ta' detenzjoni;

(l) akkużi ta' nuqqas ta' ħlas ta' manteniment għax-xahar ta' Lulju[28], deċiżi b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tad-9 ta' Frar, 2021[29], li laqgħet appell tar-rikorrenti minn deċiżjoni tal-qorti

[23] Kopja eżebita a folio 1041.
[24] Kopja eżebita a folio 1048.
[25] Id-dati huma kif murija fis-sentenza tat-tieni istanza.
[26] Kopja eżebita a folio 1055.
[27] Kopja eżebita a folio 1060.
[28] Kif indikat fis-sentenza tat-tieni istanza.
[29] Kopja eżebita a folio 1067.

inferjuri li sabitu ħati u kkundannatu xahar detenzjoni, billi filwaqt li kkonfermat il-ħtija, ordnat ħlas t'ammenda minflok il-piena ta' detenzjoni;

(m) akkużi ta' nuqqas ta' ħlas ta' manteniment bejn is-7 t'April 2018 u l-5 ta' Mejju 2018, deċiżi b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tad-9 ta' Frar, 2021[30], li laqgħet appell tar-rikorrenti minn deċiżjoni tal-qorti inferjuri li sabitu ħati u kkundannatu xahar detenzjoni, billi filwaqt li kkonfermat il-ħtija, ordnat ħlas t'ammenda minflok il-piena ta' detenzjoni;

(n) akkużi ta' nuqqas ta' ħlas ta' manteniment bejn il-5 ta' Mejju 2018 u t-2 ta' Ġunju 2018, deċiżi b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tad-9 ta' Frar, 2021[31], li laqgħet appell tar-rikorrenti minn deċiżjoni tal-qorti inferjuri li sabitu ħati u kkundannatu xahar detenzjoni, billi filwaqt li kkonfermat il-ħtija, ordnat ħlas t'ammenda minflok il-piena ta' detenzjoni;

(o) akkużi ta' nuqqas ta' ħlas ta' manteniment għall-ħlasijiet dovuti bejn id-29 ta' Ġunju 2019 sas-27 ta' Lulju 2019[32]. Dawn ġew deċiżi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fit-12 t'April 2022, li biha r-rikorrent instab ħati u ġie kkundannat għal xahar detenzjoni. Ir-rikorrent appella minn din is-sentenza, u l-appell jidher li kien milqugħ b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Diċembru 2023, fis-sens li l-piena ġiet varjata għal dik maħsuba fl-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-liġijiet ta' Malta, u r-rikorrent ġie liberat bil-kondizzjoni li ma jwettaqx reat fi żmien sena minn dakinhar;

(p) akkużi ta' nuqqas ta' ħlas ta' manteniment għall-ħlasijiet dovuti bejn is-16 ta' Novembru 2019 sat-8 ta' Frar 2020[33]. Dawn ġew deċiżi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fit-12 t'April 2022, li biha r-

[30] Kopja eżebita a folio 1074.
[31] Kopja eżebita a folio 1081.
[32] Ara l-proċess penali allegat bħala Dok SC5.
[33] Ara l-proċess penali allegat bħala Dok SC6.

rikorrent instab ħati u ġie kkundannat għal xahar priġunerija. Ir-rikorrent appella minn din is-sentenza, u l-appell jidher li kien miċħud b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Diċembru 2023;

(q) akkużi ta' nuqqas ta' ħlas ta' manteniment għall-ħlasijiet dovuti bejn it-8 ta' Frar 2020 sal-31 ta' Mejju 2020[34]. Dawn ġew deċiżi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fit-12 t'April 2022, li biha r-rikorrent instab ħati u ġie kkundannat għal xahar priġunerija. Ir-rikorrent appella minn din is-sentenza, u l-appell jidher li kien miċħud b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Diċembru 2023;

(r) akkużi ta' nuqqas ta' ħlas ta' manteniment għall-ħlasijiet dovuti għax-xhur ta' Mejju 2020 sa Awwissu 2020[35]. Dawn ġew deċiżi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fit-12 t'April 2022, li biha r-rikorrent instab ħati u ġie kkundannat għal xahar priġunerija. Ir-rikorrent appella minn din is-sentenza, u l-appell jidher li kien miċħud b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Diċembru 2023;

(s) akkużi simili għall-ħlasijiet dovuti għax-xhur ta' Settembru sa Novembru tas-sena 2020[36]. Dawn ġew deċiżi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fit-12 t'April 2022, li biha r-rikorrent instab ħati u ġie kkundannat għal xahar priġunerija. Ir-rikorrent appella minn din is-sentenza, u l-appell jidher li kien miċħud b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Diċembru 2023;

(t) akkużi simili għall-ħlasijiet dovuti bejn il-25 t'Awwissu 2019 sas-16 ta' Novembru 2019[37]. Dawn ġew deċiżi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

[34] Ara l-proċess penali allegat bħala Dok SC7.
[35] Ara l-proċess penali allegat bħala Dok SC8.
[36] Ara l-proċess penali allegat bħala Dok SC9.
[37] Ara l-proċess penali allegat bħala Dok SC10.

mogħtija fit-12 t'April 2022, li biha r-rikorrent instab ħati u ġie kkundannat għal xahar detenzjoni. Ir-rikorrent appella minn din is-sentenza, u l-appell jidher li kien miċħud b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Diċembru 2023;

(u) akkużi simili għall-ħlasijiet dovuti bejn is-27 ta' Lulju 2019 sal-24 t'Awwissu 2019[38]. Dawn ġew deċiżi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fit-12 t'April 2022, li biha r-rikorrent instab ħati u ġie kkundannat għal xahar detenzjoni. Ir-rikorrent appella minn din is-sentenza, u l-appell jidher li kien milqugħ b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Diċembru 2023, fis-sens li l-piena ġiet varjata għal dik maħsuba fl-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-liġijiet ta' Malta, u r-rikorrent ġie liberat bil-kondizzjoni li ma jwettaqx reat fi żmien sena minn dakinhar;

(v) akkużi simili għall-ħlasijiet dovuti bejn l-1 ta' Ġunju 2019 u d-29 ta' Ġunju 2019[39]. Dawn ġew deċiżi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fit-12 t'April 2022, li biha r-rikorrent instab ħati u ġie kkundannat għal xahar detenzjoni. Ir-rikorrent appella minn din is-sentenza, u l-appell jidher li kien milqugħ b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Diċembru 2023, fis-sens li l-piena ġiet varjata għal dik maħsuba fl-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-liġijiet ta' Malta, u r-rikorrent ġie liberat bil-kondizzjoni li ma jwettaqx reat fi żmien xahar minn dakinhar, bil-kondizzjoni li jħallas lil Rita Bartolo s-somma ta' €166 fi żmien xahrejn a tenur tal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-liġijiet ta' Malta;

(w) akkużi ta' nuqqas ta' ħlas ta' manteniment għax-xhur minn Ottubru 2022 sa Diċembru 2022, preżentati fit-28 t'April 2023[40]. Dawn il-proċeduri kienu ġew differiti għas-7 ta' Frar, 2024 għas-sentenza;

[38] Ara l-proċess penali allegat bħala Dok SC11.
[39] Ara l-proċess penali allegat bħala Dok SC12.
[40] Ara folio 70.

(x) akkużi simili għall-ħlasijiet dovuti fit-13 ta' Novembru 2021, 11 ta' Diċembru 2021, 8 ta' Jannar 2022 u 5 ta' Frar 2022, preżentati fit-2 ta' Ġunju 2022[41]. Dawn ġew deċiżi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fis-26 ta' Settembru 2022, li biha r-rikorrent instab ħati u ġie kkundannat għal tliet xhur priġunerija. Ir-rikorrent appella minn din is-sentenza, u l-appell jidher li kien għadu pendenti waqt il-mori ta' din il-kawża;

(y) akkużi simili għall-ħlasijiet dovuti għax-xhur ta' Lulju, Awwissu, Settembru u Ottubru tas-sena 2021, preżentati fit-30 ta' Diċembru 2021[42]. Dawn ġew deċiżi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fis-26 ta' Settembru 2022, li biha r-rikorrent instab ħati u ġie kkundannat għal tliet xhur priġunerija. Ir-rikorrent appella minn din is-sentenza, u l-appell jidher li kien għadu pendenti waqt il-mori ta' din il-kawża;

(z) akkużi simili għall-ħlasijiet dovuti fil-5 ta' Marzu 2022, 2 t'April 2022, 30 t'April 2022 u 28 ta' Mejju 2022, preżentati fit-18 t'Awwissu 2022[43]. Dawn ġew deċiżi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fis-26 ta' Settembru 2022, li biha r-rikorrent instab ħati u ġie kkundannat għal tliet xhur priġunerija. Ir-rikorrent appella minn din is-sentenza, u l-appell jidher li kien għadu pendenti waqt il-mori ta' din il-kawża;

vi) sadanittant, ir-rikorrenti beda proċeduri ta' medjazzjoni kontra Rita Bartolo bis-saħħa tal-ittra bin-numru 1189/2023, li ġiet preżentata fl-24 t'Ottubru 2023[44]. Fis-26 t'Ottubru 2023, ir-rikorrent ressaq rikors fl-atti ta' dik il-medjazzjoni li bih talab li bih jiġi sospiż l-obbligu tiegħu għall-ħlas ta' manteniment[45]. Dan ir-rikors ġie miċħud b'dikriet tat-13 ta' Frar 2024;

[41] Ara folio 94.
[42] Ara folio 222.
[43] Ara folio 341.
[44] Ara folio 474.
[45] Ara folio 483.

vii) jidher ukoll li fit-18 ta' Marzu 2019, ir-rikorrent kien ressaq kawża fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz tar-rikors ġuramentat numru 81/2019, li bih huwa talab li minħabba bdil fiċ-ċirkostanzi tiegħu, ikun hemm tnaqqis fil-manteniment pagabbli minnu lil martu Rita Bartolo[46]. Fl-atti ta' dik il-kawża, r-rikorrent kien ressaq rikors fil-5 ta' Jannar 2021 sabiex jitlob li l-qorti ssib li ebda manteniment ma huwa dovut, jew alternattivament tillikwida manteniment f'somma anqas[47]. Dan ir-rikors ġie miċħud b'dikriet tal-14 ta' Jannar 2021[48]. Din il-kawża llum tinsab differita għas-sentenza għall-24 t'Ottubru 2024.

9. Illi fir-rikors promotur tiegħu, r-rikorrent jilmenta li l-impożizzjoni ta' pieni karċerarji b'diversi deċiżjonijiet tal-qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali tikkostitwixxi piena sproporzjonata u b'hekk trattament inuman u degradanti, la darba huwa naqas milli jħallas il-manteniment minħabba f'impossibilità, u mhux għal xi raġuni kapriċċjuża. Ir-rikorrent jilmenta wkoll mill-fatt illi bil-mod kif ġie mixli mill-Pulizija Eżekuttiva quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali, huwa ġie mtellef mill-benefiċċju li l-liġi tagħti lil min iwettaq reat li huwa kontinwat taħt l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll mill-istitut tal-konkors ta' reati u pieni taħt l-artikolu 17 tal-istess Kodiċi, u dan iwassal għal diskriminazzjoni fir-rigward tiegħu, la darba hemm imputati oħrajn li ġew mixlija bl-istess reat u li tħallew igawdu mill-benefiċċji msemmija minnu.

10. Illi min-naħa tagħhom, l-intimati laqgħu b'eċċezzjonijiet fil-meritu kif ukoll b'eċċezzjonijiet li huma ta' natura preliminari. Preliminarjament, huma eċċepew li l-intimat Avukat Ġenerali m'huwiex leġittimu kontradittur, kif ukoll li r-rikorrent naqas milli jagħmel użu minn rimedji ordinarji li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu. Fil-meritu, l-intimati esponew diversi raġunijiet għaliex skont huma t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu respinti.

Ikkunsidrat:

[46] Ara folio 491.
[47] Ara folio 668.
[48] Ara folio 682.

11. Nibdew billi nqisu l-eċċezzjoni preliminari tal-intimat Avukat Ġenerali li huwa m'huwiex leġittimu kontradittur f'din il-kawża.

12. Fil-kawża ***Joseph Abela vs. L-Onorevoli Prim'Ministru***[49] ġie osservat li:

> F'kawżi ta' natura kostituzzjonali bbażati fuq id-drittijiet fundamentali, il-leġittimi kontradditturi ta' dawk l-azzjonijiet jinqasmu fi tlett kategoriji. L-ewwel kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma direttament jew indirettament, responsabbli, għall-kummissjoni jew ommissjoni, ta' xi fatt li jikser xi dritt fundamentali protett mil-liġi. Fit-tieni kategorija huma dawk li għall-ommissjonijiet jew kummissjonijiet tal-persuni ta' l-ewwel kategorija jistgħu jkunu responsabbli biex jagħtu jew jiffornixxu r-rimedji li s-sentenza, li takkolji l-lament tal-ksur ta' dritt fundamentali, tissanzjona. It-tielet kategorija mbagħad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawża, meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala' fuq jew waqt xi proċedura ġudizzjarja.

13. Illi l-artikolu 347A tal-Kodiċi Kriminali jgħid:

> 347A. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1), (2) u (3) tal-artikolu 346, l-Avukat Ġenerali għandu jkollu l-funzjonijiet u s-setgħat li ġejjin:
> (a) li jiddelega lill-Kummissarju tal-Pulizija s-setgħat ta'prosekuzzjoni vestiti fl-Avukat Ġenerali; u
> (b) minkejja dak provdut f'xi liġi oħra, u fid-diskrezzjoni tiegħu, imexxi prosekuzzjoni waħdu jew mal-Pulizija Eżekuttiva jew ma' xi awtorità oħra li jkollha s-setgħa li tmexxi prosekuzzjoni.

14. Imbagħad l-artikolu 2(1) tal-Ordinanza dwar l-Avukat Ġenerali[50] jipprovdi li: «*L-Avukat Ġenerali jkun l-Uffiċjal Prosekutur Ewlieni f'Malta u jkollu dawk is-setgħat f'dak li għandu x'jaqsam ma' proċedimenti kriminali u kif jista' minn żmien għal żmien jiġi provdut bil-liġi. Fit-twettiq tas-setgħat tiegħu li jibda, imexxi jew itemm proċedimenti kriminali l-Avukat Ġenerali għandu jeżerċita dawk is-setgħat skont il-ġudizzju personali tiegħu*».

[49] 7/12/1990. Ara wkoll ***Joseph Mary Vella et vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija et*** (Qorti Kostituzzjonali, 6/8/2001).
[50] Kapitolu 90 tal-liġijiet ta' Malta.

15. Fil-fehma tal-qorti, huwa ċar li l-liġi tvesti fl-intimat Avukat Ġenerali l-funzjoni ta' prosekutur ewlieni, bis-setgħa li jiddelega l-prosekuzzjoni ta' xi azzjoni jew azzjonijiet penali lill-Kummissarju tal-Pulizija. Din il-fehma hija fortifikata ulterjorment b'effett ta' dak li jipprovdi l-artikolu 3(b) tal-Ordinanza preċitata:

> Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 2 l-Avukat Ġenerali għandu jkollu l-funzjonijiet u s-setgħat li ġejjin:
> …
> (b) li, minkejja dak provdut f'xi liġi oħra, u fid-diskrezzjoni tiegħu, waħdu jew mal-Pulizija Eżekuttiva jew ma' xi awtorità oħra li jkollha s-setgħa li tmexxi prosekuzzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kemm bħala qorti ta' ġudikatura kriminali u kemm bħala qorti istruttorja, imexxi l-prosekuzzjoni jew jassisti fil-prosekuzzjoni ta' kull reat li dwaru persuna tkun tressqet quddiem dik il-qorti:
> Iżda għall-finijiet tat-twettiq ta' dak provdut f'dan il-paragrafu kull artikolu tal-Kodiċi Kriminali jew ta' xi liġi oħra li jvesti xi funzjoni jew setgħa dwar it-tmexxija ta' proċeduri fil-qorti fil-prosekuzzjoni ta' reati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fil-Pulizija Eżekuttiva jew f'xi awtorità oħra li jkollha s-setgħa li tmexxi l-prosekuzzjoni għandu jitqies li jkun qiegħed ivesti dik il-funzjoni jew setgħa wkoll fl-Avukat Ġenerali;

16. Issa l-ilmenti tar-rikorrenti, meħudin b'mod kollettiv, jirrigwardaw il-mod kif tmexxiet il-prosekuzzjoni fid-diversi każijiet li ġew istitwiti fil-konfront tiegħu. Kif rajna, din il-prosekuzzjoni hija mil-liġi affidata lill-intimat Avukat Ġenerali. Il-fatt li l-prosekuzzjoni ġiet delegata lill-Pulizija fil-każijiet tar-rikorrenti ma jinċidix, fil-fehma tal-qorti, fuq il-leġittimazzjoni passiva tal-intimat Avukat Ġenerali. Dan għaliex, wara kollox, huwa dejjem id-delegant li jwieġeb għal għemil id-delegatarju.

17. La darba għalhekk il-mod kif tmexxiet u qed titmexxa l-prosekuzzjoni tal-każijiet kontra r-rikorrenti hija waħda mill-materji li se tiġi diskussa u trattata f'din il-kawża, għandu jsegwi li l-Avukat Ġenerali għandu jitqies leġittimu kontradittur, u għalhekk l-ewwel eċċezzjoni se tiġi respinta.

Ikkunsidrat:

18. Niġu issa għat-tieni eċċezzjoni preliminari, u ċjoè dik li tgħid li r-rikorrent kellu jew għandu rimedji ordinarji miftuħa għalih, u għalhekk din il-qorti għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha taħt l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u taħt l-artikolu 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea.

19. Illi l-prinċipji li jitqiesu applikabbli dwar id-diskrezzjoni ta' din il-qorti fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħha taħt il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea huma issa stabbiliti minn ġurisprudenza kostanti. Fid-deċiżjoni ***Dr Mario Vella vs. Joseph Bannister noe*** (Qorti Kostituzzjonali, 7/3/1994)[51] saret rassenja ta' ġurisprudenza dwar l-istess materja, u in bażi għall-istess, ġew identifikati s-segwenti prinċipji:

> (a) Meta huwa ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex ikollu rimedju għad-dannu li qed jillamenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta m'humiex disponibbli;
>
> (b) Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawx raġunijiet serji u gravi ta' illegalità jew ta' ġustizzja jew ta' żball manifest, ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalità ta' l-ewwel Qorti kkonferita mill-art. 46(2) tal-Kostituzzjoni;
>
> (ċ) kull każ għandu l-fattispeċje partikolari tiegħu;
>
> (d) Meta r-rikorrent ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkunsidra li m'għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk, dan il-possibbli rimedju ma kienx però se jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent;
>
> (e) Meta r-rikorrent ma jkunx eżawrixxa r-rimedji ordinarji, jekk però dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddieħor, allura ma jkunx desiderabbli li l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ;
>
> (f) Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni.

[51] Kollezz. Vol.LXXVIII.i.48.

20. Illi dawn il-prinċipji ġew segwiti għal snin sħaħ, u dan dejjem b'rispett lejn il-ħsieb ewlieni tal-proviso kontenut fl-artikolu 46(2) u fl-artikolu 4(2) fuq ċitati, liema ħsieb ewlieni ġie hekk imfisser fil-kawża ***Mediterranean Film Studios Limited vs. Il-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta***, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Ottubru 2003: «*Id-diskrezzjoni taħt iż-żewġ proviso in kwistjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess ta' l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, biex min-naħa l-waħda il-Prim Awla kif ukoll il-Qorti Kostituzzjonali ma jiġux inundati b'kawżi li jistgħu jiġu determinati minn Qrati oħra u/jew bi proċeduri oħra, u min-naħa l-oħra ċ-ċittadin (jew persuna ġuridika, skond il-każ) ma jiġix ipprivat mir-rimedji li hu għandu dritt għalihom taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap. 319. Il-leġislatur kostituzzjonali kkonferixxa lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) (u lil ebda persuna jew awtorita` oħra) diskrezzjoni wiesgħa fl-interess tal-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja biex minn banda 'l waħda tkun tista' twaqqaf, jekk ikun hemm bżonn anke ħesrem, lil min jipprova jabbuża mill-proċess kostituzzjonali u mill-banda l-oħra tkun tista' timpedixxi li jiġu kreati ostakoli bla bżonn fit-triq ta' min ikun jidher li ġenwinament ikun qiegħed ifittex ir-rimedju kostituzzjonali. Il-fattispeċi u ċ-ċirkostanzi partikolari kollha tal-każ għandhom jiġu eżaminati għaliex b'hekk biss il-Qorti tkun tista' tasal biex tiddeċiedi jekk ikunx desiderabbli li tiddeklina illi teżerċita s-setgħat tagħha*».

21. Illi sussegwentement il-Qorti Kostituzzjonali tenniet il-prinċipji ġenerali dwar l-eżercizzju tas-setgħa kkontemplata fil-*provisos* suċitati, u dan fil-kawża ***Visual & Sounds Communications Limited vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija et***, deċiża fit-12 ta' Diċembru 2002, liema prinċipji ġenerali jkomplu jseddqu dawk identifikati fid-deċiżjoni ***Vella vs. Bannister noe***, fuq ċitata. Dawn huma s-segwenti:

> (a) Meta huwa ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrenti biex ikollu rimedju għad-dannu li qed jillamenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta` natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta m`humiex disponibbli;
>
> (b) Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawx raġunijiet serji u gravi ta` illegalita` jew ta` ġustizzja jew ta` żball manifest, ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta`

diskrezzjonalita` ta` l-ewwel Qorti kkonferita mill-art. 46(2) tal-Kostituzzjoni;

(c) kull każ għandu l-fattispeċje partikolari tiegħu;

(d) Meta r-rikorrent ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta` kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha tikkunsidra li m`għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk, dak il-possibbli rimedju ma kienx pero` se jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent;

(e) Meta r-rikorrent ma jkunx eżawrixxa r-rimedji ordinarji, jekk pero` dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta` ħaddieħor, allura ma jkunx desiderabbli li l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ;

(f) Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab id-diskrezzjoni.

22. Illi din il-qorti qed tifhem li l-intimati, b'din l-eċċezzjoni tagħhom, qed jiġbdu l-attenzjoni tagħha li r-rikorrenti naqas milli jaġixxi b'diliġenza fil-ħarsien tad-drittijiet tiegħu. Huma jgħidu li kellu rimedju ordinarju quddiem il-qrati ċivili – il-provi fil-fatt juru li r-rikorrent kien istitwixxa kawża ċivili sabiex jiġi varjat il-manteniment pagabbli minnu sa mis-sena 2019, liema kawża waslet biex tiġi deċiża fil-prim'istanza. Jgħidu li kellu wkoll rimedji quddiem il-qrati kriminali – diġà fil-fatt saret rassenja nterminabbli ta' proċeduri kriminali li ttieħdu kontra r-rikorrenti u li dwarhom ir-rikorrenti dejjem eżerċita d-dritt t'appell. Huwa minnu però li fid-diversi appelli nterposti minnu, ma jidhirx li r-rikorrent ilmenta minħabba l-fatt li ma kienx qed jiġi applikat fil-konfront tiegħu l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali. Dan in-nuqqas, fil-fehma tal-qorti, ma jgħin xejn lir-rikorrent fl-ilment tiegħu f'din l-istanza, kif se jiġi spjegat aħjar aktar 'il quddiem.

23. Madanakollu, il-qorti qed tqis ukoll li l-ilmenti tar-rikorrenti f'din il-kawża jmorru oltre mill-kwistjoni tat-tmexxija tal-prosekuzzjoni fil-każijiet tiegħu. B'mod partikolari, r-rikorrent qed jilmenta li l-impożizzjoni tal-piena karċerarja minħabba nuqqas tiegħu li jħallas il-manteniment tikkostitwixxi trattament inuman u degradanti. Dwar dan l-ilment, ma jidhirx li r-rikorrenti kellu rimedju ordinarju miftuħ għalih, la darba biex

iqum dak l-ilment trid tkun ġiet imposta piena, li jfisser li jkunu ngħalqu l-proċeduri ordinarji li kienu miftuħin kontra r-rikorrenti.

24. Fiċ-ċirkostanzi, l-qorti hija tal-fehma li m'għandhiex tiddeklina li teżerċita s-setgħat tagħha, u sejra tagħti d-deċiżjoni tagħha fil-meritu dwar kull wieħed mill-ilmenti tar-rikorrenti.

25. It-tieni eċċezzjoni għalhekk ukoll qed tiġi respinta.

Ikkunsidrat:

26. Il-qorti se tqis l-ewwel l-ilment tar-rikorrenti taħt l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u taħt l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea.

27. L-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jgħid hekk:

> 36.(1) Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti.
> (2) Ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skont l-awtorità ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-artikolu safejn il-liġi in kwistjoni tawtorizza l-għoti ta' xi deskrizzjoni ta' piena li kienet legali f'Malta minnufih qabel il-ġurnata stabbilita.
> (3) (a) Ebda liġi ma għandha tipprovdi għall-impożizzjoni ta'pieni kollettivi.
> (b) Ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma tipprekludi l-impożizzjoni ta' pieni kollettivi fuq il-membri ta' korp dixxiplinat skont il-liġi li tirregola d-dixxiplina ta' dak il-korp.

28. Issa skont it-tieni subinċiż ta' din id-dispożizzjoni, hija eskluża milli titqies bħala piena jew trattament inuman u degradanti kull ħaġa li ssir b'awtorità ta' xi liġi li tilleġittima l-impożizzjoni ta' xi piena li tkun legali f'Malta qabel il-21 ta' Settembru 1964[52]. Issa l-pieni li għalihom kien soġġettat ir-rikorrenti, konsistenti mill-impożizzjoni ta' multi jew ammendi, kif ukoll ta' detenzjoni jew priġunerija, huma lkoll pieni li l-forom

[52] Ara wkoll ***Tonio Borg***, A Commentary on the Constitution of Malta (l-ewwel edizzjoni), paġna 97.

tagħhom kienu legali f'Malta qabel l-imsemmija data. Huma wkoll pieni li ġew imposti minn qrati wara s-smigħ ta' proċeduri penali.

29. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-fattispeċi tal-każ odjern ma jistgħux jagħtu lok għal ksur taħt l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni.

30. Illi l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi biss li: «*Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti*».

31. Il-qorti ma jidhrilix li għandha għalfejn tagħmel xi espożizzjoni tal-prinċipji ġenerali relatati ma' dan l-artikolu konvenzjonali, u sejra minflok tindirizza direttament il-pern tal-kwistjoni, u ċjoè jekk piena mpost minn qorti mal-konklużjoni ta' proċeduri penali tistax titqies trattament inuman u degradanti għall-finijiet tal-artikolu 3.

32. Dwar dan l-aspett tal-ilmenti tar-rikorrenti, l-kittieba ***van Dijk and van Hoof***[53] osservaw:

> Thus, a certain qualification is introduced in a norm formulated in absolute terms. This is almost inevitable in the case of the application of an abstract norm which contains subjective concepts, to concrete cases. For instance, the question whether a penalty is inhuman or not may depend on the crime committed: 'an exceptionally harsh punishment for a trivial offence might raise a question under Article 3', whereas the same punishment could be acceptable in case of a more serious crime. Likewise a punishment for a certain crime may be so out of proportion because of the age or the mental or physical condition of the offender that there may be an issue under Article 3, while such a punishment is entirely justified for others having committed the same type of crime. Moreover particular circumstances relating to a sentence, such as the place where or the circumstances under which it is executed, may make it inhuman, although the sentence as such is not.
>
> In the Strasbourg case-law the national authorities are allowed a wide margin of appreciation as to the system of sanctions. Thus, the Commission has taken the position that 'the Convention does not provide as such any general right to call into question the length of a sentence imposed by a

[53] Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (3rd Edition), paġna 312.

> competent court'. Only under exceptional circumstances may a particular sentence raise an issue under Article 3.

33. Ħsieb li huwa rifless ukoll fil-Gwida dwar l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea[54], fejn jingħad:

> The Court accepts that while, in principle, matters of appropriate sentencing largely fall outside the scope of Convention, a grossly disproportionate sentence could amount to ill-treatment contrary to Article 3 at the moment of its imposition. However, the Court has emphasized that "gross disproportionality" is a strict test and it will only be on rare and unique occasions that the test will be met (*Babar Ahmad and Others v. the United Kingdom*, 2012, § 237; *Harkins and Edwards v. the United Kingdom*, 2012, § 133).

34. Ġie miżmum ukoll li: «*The Court has consistently stressed that the suffering and humiliation involved must in any event go beyond that inevitable element of suffering or humiliation connected with a given form of legitimate treatment or punishment. Measures depriving a person of his liberty may often involve such an element. In accordance with Article 3 of the Convention, the State must ensure that a person is detained under conditions which are compatible with respect for his human dignity and that the manner and method of the execution of the measure do not subject him to distress or hardship exceeding the unavoidable level of suffering inherent in detention (see Kudła v. Poland [GC], no. 30210/96, §§ 92-94, ECHR 2000-XI)*»[55].

35. Din il-qorti jidhrilha opportun li tenfażizza li m'huwiex xogħlha li tagħrbel il-piena li ġiet erogata mill-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali. Fi kliem ieħor, hija m'għandhiex taqdi xi funzjoni t'appell ulterjuri mid-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Wara kollox, il-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali huma ċertament fl-aħjar qagħda sabiex, f'każ li jsibu ħtija fir-rikorrenti, jikkalibraw il-piena idonja.

36. Fil-mansjoni limitata tagħha, din il-qorti għandha biss id-dmir li (i) tqis jekk il-pieni mposti fuq ir-rikorrenti ġew imposti skont il-liġi u fil-parametri tal-liġi; (ii) tqis jekk dik il-piena tistax titqies sproporzjonata b'mod grossolan tenut kont taċ-ċirkostanzi

[54] §72 tal-Ewwel Edizzjoni pubblikata fil-31 t'Awwissu 2022.
[55] ***Kafkaris vs. Cyprus***, QEDB, 12/2/2008 (viz. §96). Ara wkoll ***Van der Ven vs. The Netherlands***, QEDB, 4/2/2003.

kollha tal-każ, kompriża l-kondizzjoni tar-rikorrenti. F'dan l-eżerċizzju, l-qorti trid titmexxa mill-prinċipju li r-rikorrent kiser il-liġi u m'għandhiex għalhekk tevalwa mill-ġdid il-każ tar-rikorrent minn dak l-aspett.

37. Dan qed jingħad għaliex fir-rikors tiegħu, ir-rikorrent jagħmel enfażi kbira fuq il-prinċipju li ħadd ma jista' jkun obbligat iwettaq dak li huwa mpossibbli (*nemo tenetur ad impossibilia*), liema prinċipju huwa kien qed jinvoka regolarment fid-difiża tiegħu fil-proċessi penali. Difiża li però hija arġinata u diretta lejn l-esklużjoni tal-imputabilità tiegħu, u li kieku rnexxiet, kienet twassal għall-ħelsien tiegħu mill-akkużi. Però fl-ilment taħt l-artikolu 3, m'għandux ikun li r-rikorrent jipprova jqajjem mill-ġdid dik l-istess difiża tiegħu. F'ilment bħal dan, il-qorti ma tista' qatt tidħol fi kwistjonijiet dwar il-ħtija jew nuqqas ta' ħtija tar-rikorrent, u l-eżami tagħha għandu jkun limitat biss fir-rigward tal-kwistjonijiet dwar il-piena mposta, kif diġà ssemma aktar qabel.

38. Kull konsiderazzjoni dwar jekk ir-rikorrenti għandux ikun obbligat jibqa' jħallas manteniment lil martu, jew jekk dak il-manteniment għandux jiġi ridott, huma lkoll aspetti li jridu jiġu determinati u deċiżi mill-qorti kompetenti, li ċertament m'hijiex din il-qorti. Għalhekk kull prova mressqa sabiex turi li r-rikorrent tassew ma jistax iħallas dan il-manteniment f'din il-kawża hija rrilevanti, għaliex m'huwiex il-kompitu ta' din il-qorti li tiddeċiedi dwar l-obbligi maritali tar-rikorrenti.

39. Issa m'hemmx dubju li l-pieni mposti mill-qrati kriminali huma skont il-liġi u fil-parametri tal-liġi. U fil-fehma ta' din il-qorti, lanqas ma jista' jingħad li dawk il-pieni huma manifestament sproporzjonati. Wieħed ma jistax ilum lill-qrati kriminali li jimponu pieni aktar onerużi fuq ir-rikorrenti meta huwa baqa' ripetutament jiġi mixli bl-istess ksur ta' liġi għal tant u tant drabi. Din il-qorti setgħet tinnota li f'bosta okkażjonijiet, il-piena ta' detenzjoni jew priġunerija mposta fuq ir-rikorrent kienet riformata fit-tieni istanza wara li r-rikorrent ħallas il-manteniment dovut, u ġiet konfermata meta r-rikorrent baqa' ma ħallasx.

40. Il-qorti tosserva wkoll li r-rikorrent f'ebda waqt ma lmenta dwar il-kondizzjonijiet li fihom huwa qed jinżamm karċerat, u llimita l-ilment tiegħu għall-impożizzjoni tal-piena nnifisha. Kif rajna, dan l-ilment ma jistax jitqies fondat.

41. Fiċ-ċirkostanzi kollha din il-qorti ma tistax tasal għall-konklużjoni li l-impożizzjoni ta' piena li twassal għad-deprivazzjoni tal-libertà tar-rikorrenti, fid-dawl tal-ksur ripetut tal-istess dispożizzjoni tal-Kodiċi Kriminali, tista' titqies bħala «trattament inuman u degradanti» għal finijiet tal-artikolu 3.

42. Għalhekk l-ewwel talba tar-rikorrenti ma jistħoqqilix li tintlaqa'.

Ikkunsidrat:

43. Inqisu issa t-tieni talba tar-rikorrent, li biha jrid li din il-qorti ssib li minħabba l-mod kif ġie mixli fil-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali, huwa ma setax jibbenefika mill-provvedimenti tal-artikoli 17 u 18 tal-Kodiċi Kriminali, bil-konsegwenza li ġie leż id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll id-drittijiet fundamentali tiegħu taħt l-artikoli 7 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, u l-artikolu 1 tat-Tnax-il Protokoll tal-istess Konvenzjoni.

44. Sa fejn l-ilment tar-rikorrenti jinbena fuq l-artikolu 1 tat-Tnax-il Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, għandhom raġun l-intimati jsostnu li dik id-dispożizzjoni ma ġietx inkorporata fl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea u għalhekk l-azzjoni tar-rikorrent f'dan ir-rigward ma tistax tipproċedi[56].

45. Sa fejn l-istess ilment huwa mibni fuq l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-qorti jkollha tistqarr li ma tifhimx x'rilevanza għandha din id-dispożizzjoni għall-fattispeċi tal-każ tar-rikorrent.

46. Fir-rigward tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, sabiex tinstab leżjoni r-rikorrenti jrid juri li huwa ġarrab trattament differenti fit-tgawdija ta' xi jedd fundamentali ieħor taħt il-Konvenzjoni li mhux oġġettivament ġustifikabbli. U sabiex ikun jista' jingħad li jeżisti trattament differenti, ir-rikorrenti jrid juri li xi ħadd ieħor f'sitwazzjoni analoga għal tiegħu qed jiġi trattat b'mod differenti (ara ***Alfred Spiteri et vs. Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta et***, Qorti Kostituzzjonali, 7/10/2013). Ir-rikorrent naqas għal kollox milli jġib prova dwar persuni oħrajn li kienu f'qagħda analoga għal tiegħu u li

[56] Ara f'dan is-sens ***Mark Formosa vs. L-Avukat Ġenerali et*** (Qorti Kostituzzjonali, 31/5/2023).

ibbenefikaw minn trattament differenti. Mingħajr dik il-prova qatt ma jista' jinstab ksur taħt l-artikolu 14.

47. Niġu issa għall-ilment sa fejn hu mibni fuq id-dritt ta' smigħ xieraq.

48. Il-qorti qabel xejn tosserva li mhux korrett jingħad li r-rikorrent qatt ma ġie mixli bl-applikazzjoni tal-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali. B'mod partikolari fir-rigward ta' dawk il-proċeduri li kienu għadhom fi stadju t'appell meta nstemgħet din il-kawża, jirriżulta li kien hemm bosta każijiet fejn l-imputazzjonijiet ġew kwalifikati bħala reat kontinwat.

49. Naturalment, u peress li l-infrazzjonijiet kommessi mir-rikorrent kienu regolari, ġara li kienu qed jinħarġu mputazzjonijiet li mbagħad jikkostitwixxu kawżi differenti minn dawk li permezz tagħhom ikun ġew dedotti mputazzjonijiet oħrajn. Minn dak li rat din il-qorti, dawn il-kawżi differenti mbagħad imxew flimkien u ġew deċiżi flimkien, u l-istess baqa' jseħħ anki fl-istadju tat-tieni istanza.

50. Issa f'dawn iċ-ċirkostanzi ma jistax ħlief jitqies infondat l-ilment tar-rikorrenti li huwa kien prekluż milli jibbenefika mill-artikolu 18, kif ukoll mill-artikolu 17. Din il-qorti hija konxja li hija prattika assodata tal-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali dik li, meta jiġu biex jikkalibraw il-piena, jieħdu qies t'akkużi oħrajn li jkunu ġew dedotti kontra l-akkużat, u dan minkejja li fl-imputazzjonijiet ma tkunx saret riferenza għall-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali. Kemm hu veru ġie ritenut kif ġej:

> …din il-Qorti ma tistax tordna li ż-żewġ proċessi jew iż-żewġ sentenzi diġa mogħtija jiġu nkorporati fi proċess wieħed jew sentenza waħda – ebda disposizzjoni tal-liġi ma tawtorizza li jsir dan. L-uniku rimedju li tipprospetta l-liġi hu, li jekk il-Qorti (li tista' tkun anke l-Qorti ta' Prim'Istanza), tara li d-diversi infrazzjonijiet f'kawżi separati kellhom jiġu trattati bħala reat kontinwat f'kawża waħda, il-Qorti għandha timmodera u tadegwa l-piena għaċ-ċirkostanzi.[57]

[57] ***Il-Pulizija vs. Joseph Cini*** (Appelli Kriminali, 5/7/1996 – Kollezz. Vol.LXXX.iv.228). Fl-istess sens hija wkoll id-deċiżjoni ***Il-Pulizija vs. Joseph Galea*** (Appelli Kriminali, 3/11/1995 – Kollezz. Vol.LXXIX.v.1678), li proprju kienet tirrigwarda akkużi simili għal dawk li bihom ġie mixli r-rikorrent.

51. Dwar din l-istess prattika kkummentat ukoll il-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni ***Il-Pulizija (Spettur Sarah Magri) vs. Joseph Muscat*** (25/10/2023), li mar-riferenzi li kienu ġjà magħrufa lil din il-qorti, żiedet oħrajn anki aktar riċenti.

52. Ir-rikorrenti għalhekk ma ġiex "imċaħħad" mill-benefiċċji msemmija minnu mill-Prosekuzzjoni, għaliex l-applikazzjoni ta' dawk il-benefiċċji setgħet dejjem tintalab minnu u tiġi konċessa lilu mill-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali, fid-diskrezzjoni tagħha dwar il-kalibrazzjoni tal-piena idonja.

53. Fid-deċiżjoni ***Il-Pulizija (Spettur Sarah Magri) vs. Joseph Muscat*** (appena ċitata), il-Qorti Kostituzzjonali osservat ukoll dan li ġej:

> 12. Hu veru li hi fid-diskrezzjoni tal-pulizija jekk toħroġx taħrika waħda jew iktar. Dan m'huwiex jagħti xi vantaġġ lill-prosekuzzjoni fil-kors tas-smigħ tal-kawża kriminali. Wieħed irid japprezza li l-każijiet ta' Muscat jitrattaw dwar nuqqas ta' ħlas ta' manteniment għat-tfal. Min ikollu l-kura u kustodja tat-tfal ikun qiegħed jistenna l-aħħar tax-xahar għall-ħlas biex jipprovdi għall-bżonnijiet ta' kuljum ta' wliedu. Dan apparti li hemm ukoll il-konsiderazzjoni li iktar ma jitħalla żmien jgħaddi jikber il-perikolu talpreskrizzjoni. Tkun qiegħda tonqos bil-kbir il-pulizija li qabel toħroġ it-taħrika toqgħod tistenna li jakkumulaw arretrati ta' manteniment għal numru ta' xhur. F'dan il-każ l-arretrati kienu jmorru lura għal Ottubru 2020 u d-disa' kawżi nstemgħu fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2021, u kien biss fl-istadju tal-appell li l-akkużat ħallas. Dan ovvjament bi preġudizzju għall-parte civili meta ż-żmien hu kruċjali għaliha u għal uliedha.
>
> 13. Jista' jkun li f'każijiet simili l-għan tal-prosekuzzjoni li toħroġ taħrikiet separati hi biex tiżdied il-pressjoni fuq l-imputat biex iħallas ilmanteniment qabel jidher il-qorti. Taħrika li hi biss ordni sabiex l-imputat jidher quddiem il-Qorti (Artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali). F'dan il-każ inħarġu tliet taħrikiet separati fl-istess ġurnata fi Frar 2021 għax-xhur ta' Novembru 2021 sa Jannar 2021 u tlieta oħra fit-22 ta' Lulju 2021 għax-xhur ta' April sa Ġunju 2021. L-Art. 338(ż) tal-Kodiċi Kriminali fih innifsu jservi bħala pressjoni fuq l-imputat sabiex iħallas. Fil-fatt l-imputat ħallas l-arretrati tal-manteniment waqt li kienu għadhom pendenti l-proċeduri. Imbagħad hawn tidħol id-diskrezzjoni tal-qrati meta jiġu għall-piena fejn ikun irriżultalhom li hemm l-elementi ta' reat kontinwat. Eżerċizzju li faċilment

> seta' jsir ġialadarba l-kawżi nstemgħu quddiem l-istess Qorti u fl-istess ġurnata.

54. Din il-qorti taqbel fis-sħiħ mal-konsiderazzjonijiet li għadhom kif ġew hawnhekk riprodotti. Donnu r-rikorrent qed jippretendi li, sabiex igawdi mill-benefiċċji tal-artikolu 18, l-akkużi ma jinħarġux sakemm huwa ma jieqafx jikser l-istess dispożizzjoni tal-liġi bl-istess riżoluzzjoni. Ovvjament dan m'huwiex aċċettabbli, u l-prosekuzzjoni hija fid-dmir li tipproċedi malajr kemm jista' jkun sabiex min jikser il-liġi jwieġeb għall-għemil tiegħu. Kif rajna, l-liġi u l-ġurisprudenza tat lir-rikorrent l-għodda sabiex, fil-każijiet kongruwi, xorta waħda jinvoka d-dispożizzjonijiet minnu ċitati, u mbagħad ikun jispetta lill-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali li jiddeċiedu jekk għandhomx japplikaw l-imsemmija dispożizzjonijiet jew le, meta jiġu biex jiddeterminaw il-piena applikabbli.

55. Il-qorti però tinnota li r-rikorrent f'ebda wieħed mir-rikorsi tal-appell tiegħu ma ssolleva jew ma talab li fil-każijiet tiegħu jiġu applikati l-artikoli 17 u 18 tal-Kodiċi Kriminali fir-rigward tad-diversi kawżi kontrih li kienu qed jinstemgħu kontestwalment. Minflok għamel din it-talba jew dan l-aggravju quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali, fejn kellu jagħmilhom, ir-rikorrenti ġab dan l-ilment quddiem din il-qorti. Però l-kawżi kostituzzjonali m'humiex hemmhekk biex isir dak li seta' u kellu jsir band'oħra, u ma sarx biss minħabba nuqqas tar-rikorrent stess.

56. Għalhekk il-qorti mhux qed issib li l-mod kif tmexxiet il-prosekuzzjoni kontra r-rikorrenti wassal għal ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq.

57. Għalhekk lanqas it-tieni talba tar-rikorrenti ma timmerita akkoljiment. U t-tielet talba, la hija konsegwenzjali u dipendenti fuq it-talbiet ta' qabilha, li se jiġu miċħuda, għandha wkoll tiġi miċħuda.

58. Għaldaqstant il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

i) tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tal-intimati;

ii) tilqa' l-eċċezzjonijiet rimanenti tal-intimati;

iii) tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti;

iv) tordna li l-ispejjeż tal-kawża jiġu sopportati in kwantu għal settima parti ($^{1}/_{7}$) mill-intimati, u in kwantu għas-sitt settimi ($^{6}/_{7}$) l-oħrajn, mir-rikorrenti.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur